# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
**(GIA' QORTI TAL-KUMMERC)**

**IMHALLEF**

**ONOR.JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju, 1999**

**Numru 3**

**Citaz. numru 937/93 F (K) CIV**

**Leslie Causon ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Gasan Insurance Agency Ltd u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation P.L.C kif surrogata fid-drittijiet tal-asigurat taghhom Sanga Limited abbasi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni**

**vs**

**Walter Bonnici u Gino Tabone ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Graja & Caorsi (Malta) Ltd. u b'digriet tal-15 ta' Settembru 1993 Dr Tonio Mallia u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Graja & Caorsi spa tal-Italja; u b'nota tat-13 ta' Jannar 1994 John Zammit assuma l-atti tal-kawza kemm: (1) ghan-nom tas-socjeta' konvenuta minflok Walter Bonnici u Gino Tabone; kif ukoll (2) f'isem is-**

**socjeta' estera Graja & Caorsi Spa tal-Italja; u b'digriet tal-20 ta' April 1994, il-kuraturi deputati Dr Tonio Mallia u P.L. Veronica Rossignaud gew estromessi mill-kawza; u b'digriet tal-20 ta' April 1994, gew kjamati fil-kawza (1) Joseph Apps bhala direttur u in rappresentanza tas-socjeta' Cargo Handling Company Limited; u b'digriet tal-20 ta' Mejju 1994 gew mahruga mill-kawza l-kjamati fil-kawza s-socjetajiet Sea Malta Co. Ltd u Cargo Handling Co. Ltd. li kienu grew kjamati in kawza b'digriet tal-20 ta' April 1994.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-Citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija kull provvediment opportun.

Premess illi l-attur nomine b'risultat tal-Polza ta' assigurazzjoni ikkompensa lill-assigurat tieghu is-socjeta' Sanga Limited tat-telfa li hija garrbet fis-somma ta' Lm6483.28 u per konsegwenza gew surrogati fid-drittijiet tieghu kontra il-konvenuti nomine jew min minnhom meta l-merkanzija li huwa kellu fil-pussess tieghu u gab fuq il-vapur Pinto f'Malta fil-23 ta' Ottubru 1992 giet lilu konsenjata bin-nieqes u cioe kien hemm short-delivary billi jidher li din qatt ma waslet Malta;

U premess illi waqt li il-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine kienet f'idejn u taht il-kura u il-custodja tal-konvenuti nomine jew min minnhom din garrbet hsarat fis-sens li kellha in-nieqes li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine bhala il-persuna li trid tghaddi il-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjonili huwa ikun irceviha.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-konvneuti jew min minnhom inkariga, a riskju u spejjes tieghu, terza persuna sabiex fizikament tigbor il-merkanzija tal-assigurat tal-attur, timballaha gewwa container, tissiggillah u tnizzlu sa' Milan;

Premess illi skond il-joint tallu sheets rigwardanti din il-merkanzija, din giet skarikata bis-siggilli apparentement intatti minn fuq il-vapur, pero meta infethet instabet il-merkanzija nieqsa u san skond ma jirrzulta mis-survey maghmul minn Valletta Survey Company Limited;

Premess illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni esistenti bejn l-attur u l-assigurat tieghu l-attur nomine kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqas u konsegwenzjali danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Premess illi il-konvneuti nomine interpellati sabiex jindennizzaw lill-attur nomine tas-somma fuq imsemmija huma baqghu inadempjenti;

Premess illi l-attur nomine jikkwantifa in-nuqqas riportata fil-merkanzija tal-assigurat tieghu, b'tort tal-konvenuti nomne jew min minnhom fl-ammont fuq indikat ta' Lm6483.28 u wiehed irid izied ma' din il-figura is-somma ta' Lm105 imhallsa bhala survey fees;

Talab li dina il-Qorti:

tiddikkjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur  li suppost li waslu Malta fuq il-vapur Pinto fil-23 ta' Ottubru 1992;

tillikwida d-danni sofferiti mill-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine fis-somma ta' Lm6588.28;

tikkundanna lill-istess konvenuti nomine jew min minnhom ihallas lill-attur nomine inkluz f'din is-somma is-survey fees li hallsu l-atturi nomine u li ghalihom huma responsabbli il-konvneuti nomine jew min minnhom - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur nomine lill-assigurat tieghu u cioe fil-6 ta' Jannar 1993 u bl-ispejjes kontra il-konvenuti nomine.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Dr Tonio Mallia u l-P.L. Veronica Rossignaud, nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Graja & Caorsi Spa tal-Italia fejn eccepew:

Preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fil-konfront tas-socjeta' estera imsemmija;

Illi, minghajr pregjudizzju, huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz, u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-ecezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza;

Sal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll in-Nota ta' Eccezzjonijiet ta' John Zammit li assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-Socjetajiet konvenuti Graja & Caorsi (Malta) Ltd u Graja & Caorsi (Malta) Ltd. u Graja & Caorsi Spa ta' l-Italja fejn eccepew:

Illi n-nomina tal-kuraturi hija inutli billi is-Socjeta' Graja & Caorsi (Malta) Ltd hija l-agenti gewwa Malta tas-Socjeta estera Graja & CAorsi Spa ta' l-Italj, u ghalhekk l-eccipjent jista joghqod fil-kawza fl-interess taz-zewg Socjetakoet, u ghalhekk ukoll iil-Kuraturi Deputati jistghu u ghandhom jigu mahrugin mill-kawza a skans ta' spejjez bla bzonn;

Illi sussidjarjament, sabiex jigi investigat minn ikkawza id-danni reklamati mill-attur iridu jigu kjamati fil-kawza os-Socjetajiet Sea Malta Co Ltd u The Cargo Handling Co Ltd illi it-tnejn li huma f'xi hin jew iehor kellhom il-kustodja effettiva tal-merkanzija in kwistjoni u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni id-dannu allefgat jekk sehh, gara meta il-merkanzija kienet fil-kustodja ta' wahda minn dawn is-Socjetajiet u ghalhekk il-konvenut attwali m'hu responsabbli ghal ebda telf.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn eccepixxa bir-rispett:-

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet sussegwenti l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi u cioe a tenur ras-sub-inciz (b) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance 1966. (Illum Artikolu 63 sub-inciz (b));

Illi fit-tieni lik u in sostenn tal-permess il-konvenut Godwin Abela nomine jirreferi ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' MArzu, 1993, fl-ismijiet John Abela Vs John Sullivan u Godwin Abela. Citaz. Nru. 825/80 AM, rigwardenti l-istess preskrizzjoni;

Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' The Cargo handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-container in kwistjoni bla ebda rimarka lill-burdnar tas-socjeta' Graja & Caorsi (V. Bianco I.D. Card No. 420366) fl-istess stat li rcievitu kif jidher ampjament car mill-Gate Pass Out Nru. 100044 (Dok ED1);

Illi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar Unitised Cargo (Amended by Legal Notice 28/73) il-konvenut Godwin Abela nomine m'huwiex responsabbli,s tante li tali container gie kkonsenjat swaled fl-istess stat li gie jnizzel minn fuq il-vapur. (Artikolu 6 Sub-inciz (3) tal-Port Ordinance).

Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess meta il-container in kwistjoni wasal Ponto Annex biex jhott il-merkanzija ta' go fih fl-istores ta' Pinto Annes, kien ghadu bis-sigilli intatti, kif ghad jrid jigi ppruvat fl-kawza nnfisa.

Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess meta il-container in kwistjoni tkissrulu s-sigilli mill-awtoritajiet tad-Dwana, biex jibda d-destuffing tal-merkanzija irrizulta li diversi konsenji ma kienux gewwa il-container in kwistjoni, fosthom il-konsenja tas-socjeta' Sanga Ltd. u dana kif jirrizulta ukoll mill-Joint Tally Sheet (Dok ED2) u mill-CArgo Receipt (Dok ED 3);

Illi fis-seba lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li saqr il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-chewue li bih sar il-pagament;

Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghall-prmess, ma hemm edba interessi dovuti u dan stante li sitratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad jrid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisa u di pui l-ebda ammont qatt ma gie ikkwotat qabel l-ippresentata ta' din ic-citazzjoni;

Illi fid-disa' lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda interessi huma dovuti stante li s-socjeta' attrici allegatament hallset a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di pui ma hemm edba surroga ghar-rigward l-istess interessi

Illi gahl-ghaxar lok u bla pregudizzju  ghall-premess ghandha tigi esebita ukoll il-Bill of Lading bil-kondizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess Bill of Lading;

Illi fl-ahharnett is-survey fees allegati ma' jistghux jigu riklamati stante li ma humiex danni tal-assigurat;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' Eccezjonijiet ulterjuri ta' John Zammit li kien assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-konvenuti Graja & Caorsi (Malta) limited proprio. fejn eccepew ulterjorment:

Illi di fronte is-socjeta' Graja & Caorsi (Malta) Limited, l-azzjoni odjerna tindab perenta udekaduta skond l-artikolu 544 (e) tal-Kodici tal-Kummerc, u l-artikolu 2130 tal-Kodici Civili, u dana billi ghalkemm l-att tac-citazzjoni gie prezentat entro it-terminu ta' sena mill-wasla tal-vapur,

dan ma giex notifikat lill-konvenut fi zmien xahar wara li ghalaq dan it-terminu.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti, semghet lix-xhieda prodotta uezaminat l-affidavits illi gew ipprezentata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u mnejn ukoll jirrizulta li

(1) kwantu ghall-kjamata in kawza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.,li din is-sejha maghmulha fuq talba tal-konvenuti nomine insegwitu giet revokata <u>contrario imperio</u> wara talba f'dan is-sens mill-konvenuti stess; u li

(2) kwantu ghall-eccezzjoni ulterjuri ta' John Zammit nomine dwar l-allegata preskrizzjoni, dina giet deciza b'sentenza <u>in parte</u> moghtija minn din il-Qorti, kif diversement presjeduta fit-28 ta' Ottubru 1994 billi giet respinta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjez a kariku ta' l-eccepjenti;

Dwar il-meritu xehdu Martin Farrugia Randon, Gaston de Giovanni u l-attur nomine Leslie Causon u ghan-naha tal-konvenut nomine xehed l-Avukat Dottor Richard Galea Debono li kwalifika ukoll ruhu bhala wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Graja & Caorsi (Malta) Ltd.

Mill-prova jirrizulta li s-socjeta' Sanga Limited ordnat merkanzija minn barra u din kellha tigi traspostata Malta permezz ta' tragilt fuq l-art imbaghad bil-bahar tramite l-bastiment M.V. Pinto. Jirrizulta wkoll li Sanga Limited xtrat il-merkanzija minghand is-socjeta' estera ASICS Italia S.p.a.  Skond l-attur nomine, il-konvenuti nomine (socjeta' estera u

socjeta' kummercjali registrata Malta, agenti wkoll ta' l-ewwel wahda) kienu nghataw il-pussess tal-merkanzija de quo bl-inkariku li jwassluha s'ghandhom. Il-konvenuti nomine, jew min minnhom hadu pussess tal-merkanzija minghand l-ASICS fit-12 ta' Ottubru 1992 u dan poggewha fid-depost taghhom f'Milan fil-jum ta' wara u ssiggillawha wara li rrilaxxjaw polza ta'....."clean" min-naha tal-Awtoritajiet Taljani. Il-container de quo twassal